**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**
**Vs**

**Dorian Scerri**

**Illum 24 ta' Gunju 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront ta' Dorian Scerri ta' sebgha u ghoxrin (27) sena, bin Richard u Monica nee' Agius, imwieled gewwa Haz-Zabbar nhar il-15 ta' Dicembru 1991 u residenti 39, Redeemer, Triq Gwann Mamo, Iklin, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 12992(M), talli fl-20 ta' Gunju 2019 ghall-habta ta' bejn il-hamsa u s-sitta ta' filghaxija (17:00 hrs u 18:00 hrs) f'dawn il-gzejjer, gewwa Triq Guze' Muscat Azzopardi, Iklin;

a) Ikkometta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta' Amandine Sylvie Marie Davat imwielda fil-25 ta' Frar 2003;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, il-Qorti tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id- dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u cioè: (a) Stqarrija ta' l-imputat – Dok. "A"; (b) Rapport tal-Pulizija dwar il-kaz –Dok. "B"; (c) Kopja ta' Mandat t'Arrest u Tfittxija mahrug fil-konfront ta' l-imputat – Dok. "C"; (d) Fedina penali ta' l-imputat – Dok. "D"; u (e) Estratt tac-certifikat tat-twelid ta' l-imputat – Dok. "E";

Rat li l-imputat ammetta ghall-akkuza dedotta fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet minnu kkonfermata wara li l-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jirrikonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat talli fl-20 ta' Gunju 2019 ghall-habta ta' bejn il-hamsa u is-sitta ta' filghaxija (17:00 hrs u 18:00 hrs) f'dawn il-gzejjer, gewwa Triq Guze' Muscat Azzopardi, Iklin, ikkometta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta' Amandine Sylvie Marie Davat imwielda fil-25 ta' Frar 2003.

Il-Prosekuzzjoni titlob ukoll li f'kaz ta' htija, il-Qorti tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti skond l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imputat ammetta ghall-akkuza dedotta fil-konfront tieghu u fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ssibu hati ta' l-akkuza hekk dedotta fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta u l-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri.

Ghaldaqstant, wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 207 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ttenni li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuza dedotta fil-konfront tieghu izda peress illi fil-fehma Taghha fil-kaz in ezami huwa iktar opportun li jkun hemm sorveljanza ta' l-imputat minn ufficjal Tal-Probation sabiex jigi prevenut l-ghemil ta' reati ohra, partikolarment reati ta' l-istess natura bhar-reat mertu ta' dawn il-proceduri, u fid-dawl tac-cirkostanzi tal-kaz, inkluza x-xorta tar-reat adebbitat lill-imputat u minnu ammess kif ukoll il-karattu ta' l-istess imputat, huwa iktar adatt li jinhareg Ordni ta' Probation fil-konfront ta' l-istess imputat, a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda hawn tohrog Ordni ta' Probation fil-konfront ta' l-imputat ghall-perijodu ta' sena (1) mill-llum u skond u taht il-kudizzjonijiet li qed jigu imposti f'Digriet dwar Ordni ta' Probation moghti llum stess, liema Ordni qed jigi anness ma' din is-sentenza u ghandu jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem semplici l-effetti tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet dwar Ordni ta' Probation moghti llum kif ukoll il-konsegwenzi li jkun hemm f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' l-imsemmija kondizzjonijiet u/jew rekwiziti ta' tali Ordni ta' Probation. A tenur ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li dan l-Ordni ta' Probation ghandu jigi komunikat lid-Direttur inkarigar mill-Probation Services.

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti skond l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li ma Kienx hemm il-hatra ta' esperti jew periti u ta' xi spejjez relattivi.

A tenur ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordni l-atti processwali u kopja ta' din is-sentenza jigu komunikati lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem tax-xoghol.

**MAGSITRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**